# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 78/7

It-Tlieta 20 ta' Diċembru 2016

Il-Kunsilli Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Demelsa Grech – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Romeo Baldacchino – Viċi Sindku

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

78.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

78.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (75/7 – 07 ta' Novembru 2015)

78.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

78.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

78.5 Rapporti;

78.6 Attivitajiet tal-Milied 2016 u l-Ewwel tas-Sena 2017;

78.7 Aġġudikazzjoni finali tal-offerti (01/16 Accountancy; 02/16 Concrete; 03/16 Refuse Collection u 04/16 Signs and Road Markings);

78.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

78.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.20pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 78.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

78.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Baldacchino u l-membri preżenti unanimament aċċettaw din l-apoloġija.

## 78.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti (75/7 – 07 ta' Novembru 2015)

78.2.1 Dawn il-minuti ġew iċċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel din il-laqgħa u b'mod unanimu kien hemm qbil li jiġu meħuda bħala moqrija. Dawn il-minuti ġew approvati nem con.

## 78.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

78.3.1 Ħtieġa ta' mera fl-inħawi ta' Palazzo d'Aurel biswit Triq Ħal Tarxien. Is-Sindku qal li hemm ħtieġa li titpoġġa mera fl-inħawi ta' ma' sqaq meta wieħed ikun dieħel jew ħiereġ, fejn illum hemm il-klabb tas-St. Patrick's u lok fejn qed jinħadem l-*aluminium*. Min ikun ħiereġ minn qalb l-għelieqi ma jkunx jista' jara l-karozzi li jkunu ġejjin. Din il-mera tiġi fuq in-naħa fejn hemm il-ħarruba. Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM sabiex tagħti l-pariri tagħha dwar dan u possibbilment tagħmel ix-xogħol meħtieġ.

78.3.2 Sistema ta' *parking bays* bojod. Is-Sindku qal li hemm bżonn li f'xi inħawi jiżdiedu l-*parking bays* bojod. Is-Sur Caruana qal li f'dan il-każ il-Kunsill għandu jdur ir-raħal kollu għaliex bħalma jaf kulħadd, ġewwa l-Gudja hawn nuqqas kbir ta' postijiet ta' parkeġġ. Kemm huwa (is-Sur Caruana) kif ukoll Sa Grech huma tal-fehma li l-linji bojod jistgħu biss inaqqsu l-ispazji liberi għall-parkeġġ. Ma kienx hemm qbil finali dwar dak li kien qed jipproponi s-Sindku.

78.3.3 Tindif fi Sqaq Munxar. Is-Sindku qal li dan l-isqaq jitħammeġ ta' spiss peress li l-ilma jġorr miegħu ħafna trab u affarijiet oħra. Il-Kunsill qabel li tinkera gaffa u skip (jew kemm ikun hemm bżonn) sabiex isir it-tindif meħtieġ.

78.3.4 Tenders li għandhom jinħarġu. Is-Sindku qal li dawn it-tenders għalqu u għalhekk sejra ssir sejħa. Sa kemm ikun hemm tender ġdida s-servizzi sejrin ikomplu mill-istess kuntratturi fuq bażi ta' xahar b'xahar.

Dwar il-ġbir ta' skart goff, is-Sindku ppropona li jintuża l-van miftuħ tiegħu bla ebda ħlas. Saret diskussjoni. Ma kienx hemm qbil dwar dan. Is-sejħa dwar il-ġbir ta' skart goff sejra toħroġ mat-tenders l-oħra.

78.3.5 Xiri ta' *blinds*/purtieri u xkafef għall-bini tal-Kunsill fi 88 Triq R. Caruana. Is-Sindku qal li hemm bżonn li jsiru dawn l-attrezzi sabiex il-Kunsill ikun jista' jimxi b'mod aħjar.

78.3.6 Laqgħa annwali tal-lokalità skont l-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Is-Sindku qal li din sejra issir nhar il-Ġimgħa 20 ta' Jannar 2017 fis-7.00pm. Il-Kunsill qabel li din issir fil-bini tal-Librerija G. Zammit li joffri aktar aċċessibilità għall-pubbliku Gudjan li jkun irid jattendi.

Is-Sindku fakkar ukoll li waqt din il-laqgħa r-residenti tal-Gudja jkun jistgħu jiddiskutu diversi punti li jolqtu lilhom u lill-Gudja kif ukoll il-baġit tal-Kunsill. Fil-laqgħa jiġi ppreżentat rapport amministrattiv għas-sena 2016, kif ukoll pjan ta' ħidma għas-sena 2017 u dawk l-isfidi li fil-konsiderazzjoni tagħhom jgħinu l-ħajja tar-residenti tal-Gudja.

Is-Sindku ħeġġeġ li r-residenti Gudjani jiġu mħeġġa sabiex jattendu għal din il-laqgħa annwali u jagħmlu s-suġġerimenti għall-ħajja aħjar fil-Gudja.

78.3.7 Laqgħa dwar immaniġġjar tat-traffiku aħjar fit-tarf ta' Triq Ħal Tarxien ma' Triq tal-Barrani. Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-Sur Cohen li huwa *laising advisor* bejn il-Kunsilli u t-TM, dwar xogħol sabiex tiġi solvuta l-problema eżistenti tat-traffiku li jimxi b'mod kajman. Is-Sindku qal li l-proposta tas-Sur Cohen huma possibbli u fattibbli u għalkemm l-inħawi mhux fil-konfini tal-Gudja, huwa stqarr li kien pass pożittiv li l-Kunsill ġie infurmat dwar dan peress li dawn l-inħawi jolqtu wkoll lill-Gudja u r-residenti tagħha.

78.3.8 Każ quddiem l-Ombudsman dwar it-talbiet tas-Sur Mario Spiteri dwar xogħol fi Triq il-Kbira u Triq San Pawl, il-Gudja. Is-Sindku qal li dan il-każ ilu għaddej għal madwar sentejn u kien hemm diversi laqgħat mal-uffiċjali tal-Ombudsman fejn is-Sur Spiteri ċċara t-talba tiegħu. F'dan il-każ, il-Kunsill għamilha ċara quddiem l-Ombudsman li fil-fatt kien is-Sur Spiteri li naqas li jaħdem kif kien miftiehem mal-Kunsill u li l-Kunsill sofra dwar l-atteġġjament negattiv tal-istess Sur Spiteri kemm fil-konfront tal-Kunsill kif ukoll tas-Sindku.

Fil-final l-Ombudsman ta stima li l-Kunsill kellu jħallas s-somma li taqbeż l-€5,000.00. Il-Kunsill wieġeb li ma jistax jaċċetta dan peress li kien hemm diversi nuqqasijiet serji tas-Sur Spiteri. L-Ombudsman wasal li ppropona l-figura finali ta' €4,000.00 (li tinkludi l-VAT). Is-Sindku qal li talab lill-Ombudsman biex jagħti ftit ta' żmien sabiex ikun jista' jikseb l-approvazzjoni tal-Kunsill u għalhekk kien qed jipproponi li l-Kunsill jaqbel li jagħmel pagament ta' €4,000.00 *in full and final settlement* tal-pretenzjonijet tas-Sur Spiteri. Il-Kunsill qabel li jsir il-pagament ta' €4,000.00 u l-Kunsillieri kollha jingħataw

kopja tal-ftehim dwar dan qabel effettivament isir il-pagament. Il-Kunsill qabel li jekk ma jkunx hemm xi oġġezzjoni dwar il-kontenut tal-abbozz tal-ftehim fi żmien raġonevoli, il-Kunsill għandu jikkonkludi u jiffirma l-ftehim u jagħmel il-pagament fil-preżenza tal-Ombudsman sabiex dan il-każ jingħalaq darba għal dejjem.

78.3.9 Riċeviment tal-festi. Is-Sindku fakkar lill-kunsillieri preżenti fir-riċeviment li se jsir fil-bini amministrattiv nhar l-Erbgħa 28 ta' Diċembru 2016 fl-12.00pm.

78.3.10 GAL Xlokk – sħubija u pagament ta' €2,500.00. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien talab l-opinjoni tal-Kunsilliera dwar dan. F'dan ir-rigward id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien qiegħed ukoll jeżiġi li qabel isir il-pagament għandu jiġi provdut lid-dipartiment dokumenti tal-qagħda finanzjarja preżenti u possibbilment futura tal-Kunsill kif ukoll dwar l-benefiċċju li jista' jikseb il-Kunsill minn din l-assoċjazzjoni u sħubija fi ħdan il-GAL Xlokk.

Il-Kunsill ikkonsidra li xi benefiċċji mas-sħubija fil-GAL Xlokk jistgħu jkunu dawn:

Xogħol f'toroq u trejqiet mhux urbani; restawr ta' postijiet storiċi; ħitan tas-sejjieħ; *embellishment* tal-inħawi ta' Bir Miftuħ u Ta' Loretu; restawr tal-Kappella tal-Loretu.

F'dan l-istadju Sa Grech qalet li għal xi żmien ma kienx hemm kuntatt mal-GAL Xlokk.

Is-Sur Caruana qal li ma kienx qed jaqbel mas-Sa Grech peress li huwa stess kien attenda għal-laqgħa tal-GAL Xlokk li kienet miftuħa ukoll għall-pubbliku.

Il-Kunsill qabel li jibgħat dawk id-dokumenti li talab id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex wara li jiġi approvat, il-Kunsill jagħmel il-pagament ta' €2,500.00 u jipparteċipa u jibbenefika fis-sejħiet tal-GAL minn żmien għal żmien.

## 78.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

78.4.1 *Service road* Dawret il-Gudja. Is-Sur Sammut qal li huwa ta' siwi li l-Kunsill jikkonsidra l-qagħda preżenti tas-*service road* ta' Dawret il-Gudja fejn l-ATM. Hemm *issue* kbira bil-karozzi jieqfu fin-nofs minħabba l-użu tal-ATM, inklużi kultant trakkijiet u *containers* biex jinqdew mill-ATM jew mill-ħanut. Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM tagħmel immaniġġjar tat-traffiku taż-żona kollha, inkluż il-mod kif jigi organizzat il-*one-ways* għad-dħul u l-ħruġ lejn is-*service-road* u Triq Kan P Farrugia. Il-Kunsill ukoll jissuġġerixxi li anke wieħed jara l-possibilità li tidjieq dik is-*central strip* ta' bejn is-*service road* u t-triq prinċipali, u jitneħħew is-siġar li hemm qed jaqilgħu l-art, bil-possibbiltà li jkun hemm parkeġġ għal karozzi. Il-parkeġġ għal karozzi għandu jkun immarkat bil-linji ż-żewġ naħat biex jitnaqqas l-abbuż ta' parkeġġ bl-addoċċ. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal u ppropona s-Sur Sammut, u ddeċieda li jinforma lit-TM dwar dan. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill jitlob ukoll l-intervent tas-Sur Cohen sabiex tiġi solvuta l-problema preżenti.

78.4.2 Triq Santa Marija – issir *one-way* (il-parti t'isfel) li ma tidħolx minn Triq Bir Miftuħ. Is-Sur Sammut qal li peress qed ikun hemm kuntatt mat-TM u peress li fil-fehma tiegħu t-TM kienet għadha ma weġbitx għat-talba tal-Kunsill dwar dan huwa għalhekk talab sabiex it-TM terġa' tintalab sabiex tikkonsidra t-talba tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' dak li talab is-Sur Sammut.

78.4.3 Triq Joseph Gravina. Diversi ilment dwar Triq J. Gravina u t-traffiku fil-qasam tad-djar f'Tal-Mitħna. Is-Sur Sammut ippropona li jsiru sinjali tal-i*speed limit* ta' 30kph u li jkun hemm dħul minn naħa u ħruġ minn naħa oħra. Is-Sur Sammut qal ukoll li huwa kien diġà qajjem dawn l-ilment anke ppreżenta DVD dwar dan. Is-Sur Sammut staqsa dwar x'għamel il-Kunsill dwar dan. Is-Sindku wieġeb li saru diversi rappreżentazzjonijiet kemm mal-Pulizija, l-PA u l-gwardjani lokali. Qed isiru wkoll rappreżentazzjonijiet mat-TM. Is-Sindku qal li kien qed jara li jkun hemm progress f'dan ir-rigward minn kull min jista' jieħu passi sabiex jiġu solvuti dawn il-problemi.

78.4.4 Katusa fid-daħla ta' Triq Sta Katarina. Is-Sindku ġie mistoqsi jekk il-Kunsill jinsabx infurmat dwar katusa li riċentament ġiet imwaħħla ma' bini li qed jiġi restawrat fil-bidu ta' din it-triq li tiżbokka ma' Triq R. Caruana. Is-Sindku wieġeb li sejrin jittieħdu l-passi neċessarji kif ikun meħtieġ.

78.4.5 Ħmieġ fi Triq Joseph Gravina. Is-Sindku ġie mistoqsi dwar il-problema ta' ħmieġ fit-triq u bankina, u li inġenji kbar qed jidħlu f'dawn l-inħawi. Is-Sindku wieġeb illi dwar l-inġenji u trakkijiet li jidhru f'din it-triq, il-Kunsill kien sejjer jitlob lit-TM sabiex isiru tabelli – No Entry for heavy vehicles. Dwar il-ħmieġ kemm tal-annimali u ħmieġ ieħor u rimi illegali, huwa jinsab infurmat li l-Green Wardens diġà bdew jaħdmu fil-Gudja u diġà kien hemm rappurtati xi każijiet ta' ċitazzjonijiet fejn dawn il-Green Wardens qabdu fil-fatt persuni li kienu qed iħammġu bl-azzjoni tagħhom. Is-Sindku qal li kien sejjer ikompli jinsisti li s-servizz tal-Green Wardens ikompli kif ikun meħtieġ.

**Bidla fl-ordni tal-aġenda** Fuq proposta tas-Sindku u bl-approvazzjoni tal-Kunsillieri kollha kif preżenti, saret bidla u l-Kunsill mar għat-tema nru 78.7.

## 78.7 Aġġudikazzjoni finali tal-offerti (01/16 Accountancy; 02/16 Concrete; 03/16 Refuse Collection u 04/16 Signs and Road Markings)

78.7.1 Il-Kunsill ra r-rapport tal-Kumitat tal-Aġġudikazzjoni u approva dawn l-offerti kif preżentati.

Il-Kunsill qabel li wara jgħaddi t-termini skont il-liġi, il-Kunsill jiffirma l-kuntratti mal-offerenti kif ikun meħtieġ.

Dawn huwa l-offerenti li l-Kunsill għażel skont kif ġie rrakkomandat mill-bord tal-għażla:

01/16 Accountacy – D Consulta
02/16 Concrete – Rock Cut
03/16 Refuse Collection – Braydon Azzopardi
04/16 Signs & Road Markings – Grima & Sons Ltd

Dettalji u dokumenti jinsabu fir-rekords tal-Kunsill

**Tkomplija tal-aġenda** Il-Kunsill kompla l-laqgħa skont l-aġenda

## 78.5 Rapporti

78.5.1 *Story telling* mis-Sa Vinceanne Zammit. Il-Kunsill ikkonsidra l-fatt li xi snin ilu l-Kunsill kien daħal fi ftehim mas-Sa. Zammit li joffri s-servizz f'nhar ta' Sibt u jagħmel pagament lil Sa Zammit. L-arranġament dwar l-użu tal-iskola sar direttament minn Sa Zammit mal-iskola. Fil-preżent il-Kunsill qed jagħmel pagament ta' €34.94 fix-xahar għal żewġ sessjonijiet.

Il-Kunsill jinsab infurmat li ftit li xejn għandu informazzjoni jew xi forma ta' kontroll dwar dan. Il-Kunsill ħa din l-inizjattiva però mhux fl-obbligu tiegħu li jipprovdi dawn it-tip ta' sessjonijiet. Fiċ-ċirkustanzi l-Kunsill talab rapport mingħand Sa Zammit dwar:

a. Min huma t-tfal li qed jattendu fil-preżent u jekk tinżammx attendenza ta' dawk li jattendu

b. Minn fejn huma dawn it-tfal

c. Ħlief għal xi ħlas li jagħmel il-Kunsill lill-għalliema, il-Kunsill ma għandu l-ebda responsabilità u din għandha tkun magħrufa lill-ġenituri tat-tfal.

Il-Kunsill qabel li jagħmel din il-komunikazzjoni lis-Sa. Zammit u li din it-tema terġa' tiġi għand il-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

Sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni kuntrarja, il-Kunsill qabel li jkompli jsostni dan is-servizz soġġett għall-fatt li dan isir bla ebda responsabilità għall-Kunsill.

## 78.6 Attivitajiet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena 2017

78.6.1 Is-Sur Caruana qal li saru diversi attivitajiet speċjali fil-Kappella ta' Bir Miftuħ u fil-Knisja Parrokkjali u Arċimatriċi tal-Gudja. Dawn l-attivitajiet, fosthom ukoll dik tal-'Milied ta' Dari', ġew iffrekwentati sewwa.

Is-Sur Caruana qal li xtaq jirringrazzja lil kull min attenda kif ukoll lil kull min ikkopera u ħadem sabiex jittellgħu dawn l-attivitajiet.

Dwar l-attività li seħħet nhar il-Ħadd 11 ta' Diċembru 2016, is-Sur Caruana qal li din swiet biss €300.00, pagament lill-Parroċċa u tingħata rċevuta.

Is-Sur Caruana qal li fil-firxa tal-attivitajiet u bil-parteċipazzjoni ta' bosta residenti u oħrajn, il-Kunsill qed jikseb suċċess fil-għan tiegħu li jxerred il-kultura kemm lokali kif ukoll fuq livell nazzjonali.

## 78.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

78.8.1 Il-Kunsill approva il-lista ta' pagamenti nru 38/7 hekk kif ippreżentata u pproponuta mis-Sindku John Mary Calleja u ssekondata mill-Kunsillier Mark Anthony Sammut għall-ammont totali ta' €14,013.58. Din l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 78.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

78.9.1 Qabel tmiem il-laqgħa b'mod unanimu l-Kunsill approva x-xiri ta' mitt borża *cold tarmack* u 12-il landa *sealer* sabiex isir xogħol ta' *patching* f'diversi inħawi fil-Gudja.

78.9.2 Xogħol fi Ġnien R. Caruana. Il-Kunsill qabel li l-ispiża tal-Kunsill dwar il-konsum tad-dawl ma tistax tiġi fuq il-Kunsill. Jekk f'xi ħin ikun hemm min iqajjem dan il-punt, il-Kunsill għandu jirrifjuta dan bla ebda ekwivoku. Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni li l-*gazebo* li tinsab f'dan il-ġnien ġiet mikrija lil terzi mid-Dipartiment tal-Artijiet mingħajr ebda involviment tal-Kunsill.

78.9.3 Koperazzjoni ma' Din l-Art Ħelwa. Il-Kunsill ikkonsidra l-koperazzjoni ma' Din l-Art Ħelwa u ddeċieda li jibgħat ittra lil Din l-Art Ħelwa li turi l-apprezzament tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

78.9.4 Parteċipazzjoni fil-programm V18 u l-identità tal-Gudja. Dawn it-temi diġà tqajmu f'diversi drabi fil-laqgħat tal-Kunsill. Il-Kunsill approva x-xiri ta' arblu (bejn 25 u 30 pied) sabiex titla' l-bandiera tal-Gudja biss, bħala identità tal-Gudja fl-inħawi ta' Palazzo d'Aurel. F'dan ir-rigward il-Kunsill ikompli jsostni l-intenzjoni tiegħu li l-Gudja tkun inkluża fil-programm ta' V18.

78.9.5 Ħtieġa ta' bankina fuq iż-żewġ naħat qrib iċ-ċimiterju tal-Gudja fi Triq Ħal Tarxien. Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM jew awtoritajiet oħra kompetenti sabiex isiru dawn il-bankini peress li l-inħawi qed jiġu ffrekwentati sewwa minn bosta nies.

78.9.6 Il-Green Wardens. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-LESA rapport dwar l-attivitajiet tal-Green Wardens ġewwa l-Gudja.

78.9.7 Il-laqgħa intemmet fit-8.35pm u ġiet aġġornata għal-Ġimgħa 20 ta' Jannar 2017 fis-6.00pm.

Is-Sindku fakkar ukoll li nhar il-Ġimgħa 20 ta' Jannar 2017 fis-7.00pm se ssir ukoll il-laqgħa pubblika annwali.

Konfermati, illum ________________________

| | |
|---|---|
| John Mary Calleja | Ranier Busuttil |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |